# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 260/2017/1 MCH**

**Emanuel Camilleri**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta dwar appell li ppreżenta Emanuel Camilleri fil-21 ta' Novembru 2019, mis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-5 ta' Novembru 2019 dwar talba għall-ħlas ta' kumpens għat-tbatija li ġarrab flimkien ma' membri tal-familja tiegħu minħabba allegat '*nuqqas ta' ġustizzja magħmula mill-Qrati fil-każ tiegħu minħabba xhieda falza*

*mogħtija minn bintu Leanne Camilleri u minn martu Lisa May Camilleri'* li wasslet għal *wrongful conviction*;

2. Rat illi l-proċeduri li wasslu għal dan l-appell żvolġew kif ġej:

2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2017 minn Emanuel Camilleri kontra l-Avukat Ġenerali quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, saru s-segwenti premessi u talbiet:

> *"Illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) moghtija fid-29 ta' Settembru 2016 (Rikors numru 50/2013JRM) gie dikjarat illi s-sentenzi Ii bihom huwa kien instab hati tar-reati dedotti kontra tieghu huma nulli u bla effett u Ii huwa garrab il-piena bhala rizultat ta' sejbien ta' htija bbazat fuq xiehda falza.*
>
> *"Illi bhalissa I-kawza tinsab pendenti fi stadju ta' appell quddiem I-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.*
>
> *"Illi konsegwentement u 'ex lege' ir-rikorrent sofra ksur tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.*
>
> *"Illi gie ppruvat konkluzivament illi kien hemm nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-Qrati fil-kaz tieghu minhabba xiehda falza.*
>
> *"Illi l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-ligijiet jipprovdi regoli specjali applikabbli fir-rigward tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *"Illi, assolutament minghajr pregudizzju ghall-kumpens massimu stabilit mil-ligi, Ii huwa fi hsiebu jikkontesta, ir-rikorrent irid jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghal persuni Ii jinstabu hatja meta jkunu innocenti.*
>
> *"IIIi stante Ii I-ligi tipprovdi Ii ghandu jsir rikors fi zmien sitt xhur mid-data tat-thassir tas-sejbien ta' htija jew mid-data tal-mahfra, ir-rikorrent qed jipprezenta I-prezenti rikors ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi sabiex huwa jinghata kumpens peress Ii huwa garrab il-piena bhala rizultat ta' sejbien ta' htija bbazat fuq xiehda dikjarata mill-Qrati Ii kienet xiehda falza. Dan kollu qed isir minghajr ebda pregudizzju wkoll ghar-Rikors Kostituzzjonali Numru 50/2013 Ii gie istitwit wara s-sejbien ta' htija u s-sentenza konfermatorja moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.*

*"Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jippremetti illi gie ppruvat konkluzivament illi kien hemm nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-Qrati fil-kaz tieghu minhabba xiehda falza moghtija minn bintu Leanne Camilleri u minn martu Lisa May Camilleri, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hlas ta' kumpens lilu ghat-tbatija li garrab hu, flimkien mal-membri tal-familja tieghu, b'rizultat tas-sentenza li kienet tammonta ghal "wrongful conviction"."*

2.2. Permezz ta' risposta preżentata fid-29 ta' Mejju 2017, l-Avukat Ġenerali wieġeb:[1]

*"1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxi l-intempestivita tal-azzjoni odjerna stante li s-sentenza kostituzzjonali fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja (rikors kostituzzjonali numru 50/2013) li fuqha qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu r-rikorrenti ma tikkostitwix res judicata u dan kif ex admissis ir-rikorrent stess jippremetti li hemm appell pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;*

*"2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' applikabbilita tal-Artikolu 4A tal-Kap. 319 u dan stante li dan l-artikolu japplika f'dawk il-kazijiet eccezzjonali meta l-Qrati tal-Appell Kriminali jkollha gurisdizzjoni li tisma appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali minkejja li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tkun saret finali u fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali thassar is-sejbien ta' htja;*

*"3. Illi fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda.*

*"4. Illi l-esponenti jecepixxi li prekondizzjonijiet imposti mit-tielet artikolu tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mhumiex sodisfatti;*

*"5. Illi l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 hija azzjoni specjali mahsuba sabiex tikkreja l-mekkanizmu fil-ligi domestika li jhares l-Artikolu 3 tas-seba' Protokoll. Madankollu dana l-artikolu ma ghandux applikazzjoni separata izda necessarjament jimponi li individwu jkun instab hati liema htija tkun ghaddiet in gudikat u sussegwentement is-sejbien ta' htija tigi rivertita mill-istess Qrati li jkunu sabu tali htija;*

*"6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjoni li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ma tikkostitwix gudikat, ir-rikorrenti ma jistax jistrieh fuq is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili odjerna u dan stante li f'dik is-sentenza fl-ebda stadju ma nstabet li kien hemm wrongful conviction;*

[1] Fol. 13 *et seq*.

*"7. Illi prezentement ir-rikorrenti jinstab skarcerat abbazi ta' interim measure li kienet inharget fil-kors tal-proceduri kriminali izda certament li r-rikorrenti ma jistax jargumenta li jinstab skarcerat minhabba xi sejbien ta' wrongful conviction;*

*"8. Illi in oltre, ir-rikorrenti tramite l-proceduri kostituzzjonali surriferiti diga talab li jinghata kumpens monetarju ghall-allegata lezjoni subita minnu naxxenti mill-istess fatti li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu u li fis-sentenza taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) dik l-Onorabbli Qorti cahdet tali talba. Illi certament li l-procedura mahsuba fl-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex mahsuba sabiex isservi ta' talba ta' rizerva sabiex individwu jerga' jirriproni talba li Qorti ohra tkun cahditlu;*

*"9. Illi jsegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

2.3. Fil-frattemp, fid-9 ta' Ottubru 2017, il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet b'mod finali r-rikors kostituzzjonali bin-numru 50/2013 fl-ismijiet *Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija; u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2014 issejjaħ l-Avukat Ġenerali* billi ċaħdet kemm l-appell ewlieni tal-attur kif ukoll l-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali.[2] B'hekk ġiet ikkonfermata s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Settembru 2016 fejn ġie deċiż illi:

*"**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;*

*"**Għall-finijiet tal-imsemmija l-ewwel talba attriċi** ssib, madankollu, li minħabba ċirkostanzi li ġraw wara l-għoti tas-sentenzi li minnhom ir-rikorrent jilminta, hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex, billi tinqeda bis-setgħat mogħtijin lilha mill-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tħassar għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi s-sentenzi mogħtijin mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru, 2011, u kif ukoll is-sentenza mogħtija*

[2] Kopja legali eżebita in atti a fol. 23 *et seq*.

*mill-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2013, fl-atti tal-Kawża flismijiet "Il-Pulizija (Spett. Louise Calleja) vs Emanuel Camilleri" u dan minħabba li s-sejbien ta' ħtija kien imsejjes fuq xhieda li ma kenitx minnha u liema fatt jinstab stabilit ukoll minn sentenza tal-Qorti talMaġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru, 2014, li għaddiet in ġudikat;*

"***Tilqa' t-tieni talba attriċi** biss safejn kompatibbli mal-premess, imma tiċħadha għall-bqija;*

"***Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

"***Tipprovdi dwar ir-raba' talba attriċi** billi tiddikjara li safejn ir-reġistrazzjoni ta' isem ir-rikorrent fuq ir-Reġistru tal-Pedofili kienet l-effett tas-sentenzi mogħtijin fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, tali reġistrazzjoni għandha titneħħa fid-dawl tat-tħassir tal-imsemmija sentenzi;*

"***Tiċħad il-ħames talba attriċi** billi ma ntweriex li l-ebda wieħed mill-intimati u lanqas l-imsejjaħ fil-kawża ma jmisshom iħallsu xi kumpens lir-rikorrent minħabba għemilhom, bla ħsara għal kull azzjoni spettanti lill-istess rikorrent għar-risarċiment ta' danni kontra terzi taħt proċeduri oħrajn xierqa; u*

*"**Tordna** li, bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.'*

2.4. Il-kawża odjerna baqgħet għall-provi tal-partijiet fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimat dwar l-allegata intempestivita` u l-inammissibilita` ta' dawn il-proċeduri;

2.5. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-<u>26 ta' Ġunju 2018</u>,[3] il-Qorti Ċivili Prim'Awla sabet li f'dan il-każ, (i) bit-tħaddim tar-regola tal-*jus superveniens*, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni titlef is-siwi taghha u (ii) li l-kriterji maħsuba fil-paragrafu 23 tal-Rapport Spjegattiv huma milħuqa u kwindi l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, sa fejn jitratta din l-

[3] Fol. 136 *et seq*.

eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali għandu jitqies applikabbli. Konsegwentement il-Qorti tal-ewwel grad ċaħdet '*l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat Ġenerali dwar l-intempestività tal-azzjoni tar-rikorrent, u dwar l-inapplikabilità tal-Artikolu 4A tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari jibqgħu a karigu tal-intimat Avukat Ġenerali.'*;

2.6. Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2019 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-konvenut għall-allegazzjoni '*tal-proċess fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leanne Camilleri" deċiż fl-20/7/2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri kif ukoll il-proċess numru 397/2011 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Omissis" deċiż 2/5/2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.'*

2.7. Rat illi b'sentenza finali mogħtija fil-5 ta' Novembru 2019, il-Qorti Ċivili, Prim' Awla ddeċidiet billi ċaħdet it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu. Il-konsiderazzjonijiet minnha magħmula kienu s-segwenti:

> "***Talba***
> *Illi r-rikorrent ressaq il-proceduri odjerni a tenur tal-Artikolu 4A tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jitlob kumpens ghall-hlas ta' tbatija li garrab minhabba nuqqas ta' gustizzja maghmula fil-konfront tieghu rizultat ta' sentenza li tammonta ghal wrongful conviction wara xhieda falza moghtija minn bintu Leanne Camilleri u minn martu Lisa May Camilleri.*
>
> "***Eccezzjonijiet tal-Avukat Generali***
> *L-intimat Avukat Generali fir-risposta tieghu ressaq ulterjorment diversi eccezzjonijiet ohra, fosthom (iii) li t-talba tar-rikorrenti hija fil-mertu nfondata fil-fatt u fid-dritt; (iv) li prekondizzjonijiet imposti mit-tielet artikolu tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mhumiex sodisfatti; (v) li l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 hija azzjoni specjali mahsuba sabiex tikkreja l-mekkanizmu fil-ligi domestika li jhares l-Artikolu 3*

*tasseba' Protokoll, izda ma ghandux applikazzjoni separata u jimponi li individwu jkun instab hati liema htija tkun ghaddiet in gudikat u sussegwentement is-sejbien ta' htija tigi rivertita mill-istess Qrati li jkunu sabu tali htija; (vi) ir-rikorrenti ma jistax jistrieh fuq is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) stante li f'dik is-sentenza fl-ebda stadju ma nstabet li kien hemm wrongful conviction; (vii) ghalkemm ir-rikorrenti jinsab fil-prezent skarcerat, dan mhux minhabba sejbien ta' wrongful conviction imma minhabba interim measure; (viii) ir-rikorrenti diga talab li jinghata kumpens monetarju ghall-allegata lezjoni subita minnu naxxenti mill-istess fatti li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu, liema talba giet michuda fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), kwindi l-procedura mahsuba fl-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex mahsuba sabiex isservi ta' talba ta' rizerva sabiex individwu jerga' jirriproni talba li Qorti ohra tkun cahditlu; u (ix) it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

"***Fatti***
*Ir-rikorrent kien mixli b'korruzzjoni ta' wahda minn uliedu, li dak iz-zmien kienet minorenni. Hu nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011, u konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013. Gie kundannat ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija u ismu tnizzel fir-registru mwaqqaf taht l-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri (Kap. 518). Fost ix-xiehda li wasslet ghall-kundanna tar-rikorrent kien hemm dik ta' bintu li allegatament kienet il-vittma.*

"*Ir-rikorrent kien fetah kawza kostituzzjonali billi deherlu illi nstab hati hazin. Gara li, wara li nfethet dik il-kawza izda qabel ma nghatat is-sentenza, bint l-attur stqarret li kienet xehdet il-falz kontra tieghu u nstabet hatja b'sentenza ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali (ara sentenzi tat-18 ta' Settembru 2014 u 20 ta' Lulju 2015).*

"*Permezz ta' sentenza tad-29 ta' Settembru, 2016, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, filkompetenza kostituzzjonali fid-decizjoni taghha fost ohrajn hassret is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011, kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-2 ta' Mejju 2013.*

"*Minn dik is-sentenza kostituzzjonali appellaw kemm ir-rikorrent kif ukoll l-Avukat Generali u permezz ta' sentenza tad-9 ta' Ottubru 2017 il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet il-kawza billi cahdet iz-zewg appelli.*

"***Provi***
*Ir-rikorrent xehed li matul il-proceduri kriminali kontra tieghu hu dejjem sostna li kien innocenti u li bintu Leanne kienet imgeghlha minn ommha biex tigdeb u tivvinta fuqu hwejjeg li qatt ma sehhew. Hu kien gab provi biex juri li l-akkuza kienet wahda fabbrikata. Il-Qorti tal-Magistrati kienet emmnet lil Leanne. Hu kien appella ssentenza izda l-Qorti tal-Appell*

*Kriminali kienet ikkonfermat is-sentenza u gie mehud il-habs jiskonta l-piena. Hu kien sofra fil-habs billi ma kienx l-ambjent tieghu u minhabba l-firda mill-membri tal-familja tieghu. Kien ghamel talba biex tinfetah inkjesta fuq gurament falz u fil-fatt Leanne finalment ammettiet li kienet gidbet. Hu ghamel 397 gurnata l-habs. Fil-proceduri kostituzzjonali z-zewg sentenzi kriminali gew imhassrin. Ghalhekk ressaq dina l-kawza ghal kumpens billi l-kondotta tieghu giet imtebba u kien qed isib xkiel fil-hajja tieghu u ghaddej minn hafna tbatija.*

"*In kontroezami wiegeb li fil-proceduri kriminali huwa kien tella xhieda u anke kkontroezamina x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Il-Magistrat kienet anke hatret esperti. L-Avukat tieghu kien ghamel is-sottomissjonijiet tieghu kemm quddiem il-Magistrat kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-kawza kostituzzjonali huwa kien talab kumpens izda l-Qorti ma kinitx laqghet it-talba ghal kumpens.*

"*Meta rega' xehed fid-9 ta' Ottubru 2018 spjega kif graw l-affarijiet fil-kaz tieghu. Hu qal li illum ibati minn depression u ghandu pressjoni gholja u ma baqax jahdem. Hu jghid li l-kumpens prevvist fil-ligi mhux bizzejjed ghal dak li huwa ghaddha minnu.*

"*Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2019 in kontroezami rega' wiegeb ghal diversi mistoqsijiet li kienu sarulu f'seduta precedenti u qal li meta kien il-habs il-familjari tieghu kienu jzuruh. Meta miet it-tifel tieghu, hu ma kienx ghadu gie kkundannat.*

"*Spettur Sandro Camilleri xehed li kien tqabbad mill-Kumissarju tal-Pulizija biex jergha jinvestiga kaz li kien maghluq anke b'sentenza tal-Qorti tal-Appell. Qabel huwa ma kienx involut fil-kaz tieghu. Hu beda jinvestiga l-evidenza li kien hemm u sab li kien hemm inkongruwenzi kbar. Kienet infethet inkjesta bil-Magistrat u kien ressaq ix-xhieda quddiem il-Magistrat. Huwa imbaghad ressaq quddiem il-Qorti lit-tifla ta' Emanuel Camilleri li ammettiet li kienet xehdet falz. Kien sar appell mill-Avukat Generali, u dana ma ntlaqax. Meta kien kellem lil Emanuel Camilleri l-habs dan kien hazin hafna u kien hemm biza li jikkommetti suwicidju. Hu kien jirribadixxi l-innocenza tieghu u jibki. Kienet saret kawza kostituzzjonali u bhala interim measure thalla johrog mill-habs, sakemm eventwalment il-Qorti Kostituzzjonali hassret is-sentenzi kriminali. Huma kienu anke hadu passi kontra l-ex mara ta' Emmanuel Camilleri. Kienu damu xi sentejn biex jitnehha ismu minn fuq ir-registru tal-pedofili.*

"*Fuq kontroezami wiegeb li hu ma kienx fil-kaz kriminali kontra Emanuel Camilleri pero fl-investigazzjonijiet li ghamel kien ra fil-process li kienu ittellghu diversi xhieda biex jikkonfrontaw il-kredibilita ta' Leanne Camilleri li wara kollox kienet il-bazi ta' dak kollu li sehh. Kien hemm pero hafna punti li setghu jaqbdu maghhom. Fl-inkjesta li saret bil-Magistrat kienu instemghu x-xhieda, kien ittiehed statement ta' Leanne Camilleri, imbaghad dina giet arrestata. Ma jafx jekk kienx hemm prezenti avukat meta ttiehdet l-istatement ta' Leanne Camilleri. Ma jafx*

*jekk kienx qalilha bid-dritt ghal avukat. Hi kienet tressqet il-Qorti akkuzata bi spergur u kienet ammettiet.*

"*Desiree Camilleri xehdet li llum il-gurnata hija l-mara ta' Emanuel Camilleri, dak iz-zmien tal-kaz, kienet il-partner tieghu. Spjegat id-diffikultajiet li ghaddew minnhom minhabba dana l-kaz u kif ghamlet kuntatt mal-Ispettur Camilleri biex ighinha. Kienet saret inkjesta bil-Magistrat u tressqu l-ex mara tieghu u t-tifla l-Qorti. Eventwalment ir-ragel hareg mill-habs wara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Illum pero Emanuel Camilleri ma ghadux l-istess ragel. Il-hajja tieghu spiccat ghax qieghed fuq ilkalmanti u ghandu problemi ta' xoghol.*

"*Fuq kontroezami wiegbet li waqt il-proceduri kriminali generalment hija kienet tkun barra mill-awla ghax il-proceduri kienu bil-maghluq.*

"***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.***

"*Fis-sentenza preliminari taghha dina l-Qorti sabet li l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, sa fejn jitratta l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali, ghandu jitqies applikabbli. Il-kawza thalliet ghall-lum ghall-ezami fil-mertu tal-kriterji kollha rizultanti mill-paragrafi l-ohra msemmija taht l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 u biex il-Qorti tiddeciedi jekk ir-rikorrent haqqux jinghata kumpens skond it-talba tieghu.*

"*L-Artikolu 4A(1) jipprovdi:*

> "*Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 22 sa 25 (inkluzi) tar-Rapport Spjegattiv fuq is-Seba' Protokoll ghall-Konvenzjoni hawn migjub fit-Tielet Skeda ghandhom japplikaw ghall-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu u tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni.*

"*L-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll, li ssir referenza ghalih fl-artikolu 4A(1), jitratta dwar kumpens ghal sejbien ta' htija mhux kif imiss (wrongful conviction). Dan l-artikolu jghid hekk:*

> "*Meta persuna tkun b'decizjoni finali nsabet hatja ta' reat kriminali u meta sussegwentement is-sejbien taghha ta' htija jkun gie rivertit, jew tkun inghatat il-mahfra, minhabba f'li xi fatt gdid jew li jkun ghadu kemm gie mikxuf ikun juri konkluzivament li kien hemm nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-qorti, il-persuna li tkun garrbet il-piena bhala rizultat ta' dak is-sejbien ta' htija ghandha tinghata kumpens skont il-ligi jew il-prattika tal-Istat inkwistjoni, kemm-il darba ma tingiebx prova li n-nuqqas ta' zvelar tal-fatt mhux konoxxut fil-hin ikun ghal kollox jew f'parti minnu attribwibbli ghal dik l-istess persuna.*[4]

[4] "*When a person has by a final decision been convicted of a criminal offence and when subsequently his conviction has been reversed, or he has been pardoned, on the ground that a new or newly discovered fact shows conclusively that there has been a miscarriage of justice, the person who has suffered punishment as a result of such conviction shall be compensated according to the law or the practice of the State conceded, unless it is proved that the non-disclosure of the unknown fact in time is wholly or partly attributable to him*".

"*Kif gie deciz fil-kaz kaz* ***Poghosyan and Ghdasaryan vs Armenia*** *(Application no. 22999/06:*

> "*1. The Court reiterates that the aim of Article 3 of Protocol No. 7 is to confer the right to compensation on persons convicted as a result of a miscarriage of justice where such conviction has been reversed by the domestic courts on the ground of a new or newly discovered fact. Therefore, Article 3 of Protocol No. 7 does not apply before the conviction has been reversed (see Matveyev v. Russia, no. 26601/02, §§ 38-39, 3 July 2008.*

"*Il-paragrafi 22 sa 25 tar-Rapport Spjegattiv ghas-Seba' Protokoll li hemm malKonvenzjoni jiprovdu hekk:*

> "*22. Dan l-artikolu (Art 3) jipprovdi li l-kumpens ghandu jithallas lil vittma ta' nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-qorti, taht certu kondizzjonijiet.*
>
> "*Fl-ewwel lok, li l-persuna involuta kellha tkun insabet hatja ta' reat kriminali*
> *b'decizjoni finali u tkun garrbet piena bhala rizultat ta' dak is-sejbien ta' htija.*
>
> "*23. Fit-tieni lok, l-artikolu japplika biss meta s-sejbien ta' htija ta' xi persunajkun gie rivertit jew inkella dik il-persuna tkun inghatatilha l-mahfra, f'kull kaz minhabba li xi fatt gdid jew xi fatt li jkun ghadu kif gie mikxuf ikun juri b'mod konkluziv li kien hemm xi nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-qorti - jigifieri, xi nuqqas gravi fil-process gudizzjarju li kien jinvolvi xi pregudizzju gravi ghall-persuna li tkun insabet hatja. (emfazi tal-Qorti)*
>
> "*24. Finalment, ma hemm ebda dritt ghal kumpens taht din id-disposizzjoni jekk ikun jista' jintwera li n-nuqqas ta' kxif tal-fatt mhux maghruf fil-hin kien ghal kollox jew f'parti minnu attribwibbli ghall-persuna li tkun insabet hatja.*
>
> "*25. Fil-kazijiet kollha li fihom dawn il-prekondizzjonijiet jigu sodisfatti, jithallas kumpens skont il-ligi domestika jew mill-prattika tal-istat inkwistjoni.*

"***Talba doppja ghall-kumpens***

"*Fit-tmien eccezzjoni tieghu l-Avukat Generali ssottometta li r-rikorrenti diga talab filkawza kostituzzjonali li kien ipprezenta li jinghata kumpens monetarju ghall-allegata lezjoni u dik l-Qorti cahdet tali talba ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax juza l-procedura mahsuba fl-Artikolu 4A tal-Kap. 319 bhala rizerva sabiex jerga' jirriproponi l-istess talba li l-Qorti ohra gia cahditlu.*

"*Illi dina l-Qorti diga esprimiet ruhha fuq dina l-eccezzjoni fis-sentenza preliminari taghha meta trattat it-tieni binarju li fuqha tissejjes it-tieni*

*eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali. Gie rilevat li l-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) kienet cahdet it-talba tar-rikorrent ghal kumpens minhabba li l-ebda wiehed mill-intimati u l-imsejjah fil-kawza ma kienu jahtu lejh ghal ksur tal-jeddijiet fundamentali li dwarhom ilmenta.*

"*Din il-parti tad-decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali. Illi l-lezjoni taht l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma kenitx tiffigura fit-talbiet originali tar-rikorrent quddiem il-Prim Awla fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha. Il-Qorti Kostituzzjonali waqfet milli tistharreg l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll semplicement ghaliex irriteniet li l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, kien jirrikjedi procedura ohra biex issir talba ghal kumpens, cioe quddiem Qorti fil-kompetenza ordinarja taghha proprju kif qieghed isir permezz tal-procedura odjerna. Ghalhekk ma kienitx inghatat decizjoni fuq it-talba ghal kumpens taht l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll.*

"*Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

"***Kriterji rizultanti taht l-Artikolu 4A tal-Kap. 319***

"*Dwar l-ewwel kondizzjoni li the person concerned has to have been convicted of a criminal offence by a final decision and to have suffered punishment as a result of such conviction, jirrizulta li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent kienu gew konkluzi finalment permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u r-rikorrent instab hati u beda jiskonta l-piena. Anke l-intimat jaqbel li dina l-kondizzjoni giet sodisfatta (pagna 4 tan-nota tieghu).*

"*It-tieni kondizzjoni hija fis-sens li the article applies only where the person's conviction has been reversed or he has been pardoned, in either case on the ground that a new or newly discovered fact shows conclusively that there has been a miscarriage of justice.*

"*Din il-Qorti fis-sentenza preliminari taghha ddecidiet li l-artikolu 4A kien japplika billi ix-xhieda falza ta' bint ir-rikorrent stabbilita permezz ta' sentenza finali, setghet titqies bhala fatt gdid, peress illi rrizultat wara li r-rikorrent instab hati mill-Qrati kriminali.*

"*Din il-Qorti ma qablitx mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali fejn qal li ladarba ssejbien ta' htija ma kienx rivertit minn Qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali, mhuwiex applikabbli l-Artikolu 4A tal-Kap. 319. (L-istess argument rega' tressaq fin-nota tal- intimat a fol. 5 fin-nota tieghu). Meta il-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha ddecidiet li thassar is-sentenzi tal-Qorti Kriminali, b'dik id-decizjoni is-sentenzi tal-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali gew iddikjarati nvalidi, kwindi l-effett taghhom ta' sejbien ta' htija, spicca. Il-proceduri ta' kumpens kontemplati taht l-artikolu 3 mhumiex marbuta per se mal-htiega li jsiru proceduri kriminali mill-gdid, wara kollox l-istess artikolu jikkontempla wkoll l-ghoti ta' "mahfra", li certament lanqas taqa' fil-mansjoni ta' Qorti ta' kompetenza kriminali. Il-kriterju importanti huwa li s-sejbien ta' htija jkun gie rivertit.*

"*Dwar it-tielet kondizzjoni there is no right to compensation under this provision if it can be shown that the non-disclosure of the unknown fact in time was wholly or partly attributable to the person convicted. Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti xehed li matul il-proceduri kriminali kontra tieghu hu dejjem sostna li kien innocenti u li bintu kienet imgeghlha minn ommha biex tigdeb u tivvinta hwejjeg fuqu li qatt ma sehhew. Hu kien gab provi biex juri li l-akkuza kienet wahda fabbrikata.*

"*L-artikolu 3 jitlob li ma jkunx xi nuqqas attribwibbili lir-rikorrent. Imma l-istess artikolu jipprovdi ukoll li dan japplika biss where the person's conviction has been reversed or he has been pardoned, in either case on the ground that a new or newly discovered fact shows conclusively that there has been a miscarriage of justice - that is, some serious failure in the judicial process involving grave prejudice to the convicted person.*

"*Skond l-Explanatory Report to the Protocol No. 7 to the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms: The article (does not) seek to lay down any rules as to the nature of the procedure to be applied to establish a miscarriage of justice. This is a matter for the domestic law or practice of the State concerned.*

"*Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti diga gie stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali (sentenza li llum hija res judicata) li ma kien hemm ebda nuqqas gravi fil-process gudizzjarju (serious failure in the judicial process) li minnu ghadda r-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali imkien ma qalet fis-sentenza li r-rikorrent kien innocenti.*

"*Illi l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li dak li seta' garrab ir-rikorrent kien ir-rizultat dirett tal-ghemil ta' persuna privata (bintu) u li l-organi kompetenti tal-istat imxew kif mitlub minnhom mil-ligi. Il-ligi tipprovdi wkoll ghall-ghoti ta' rimedju xieraq kontra min ikun tabilhaqq jahti ghan-nuqqas jew l-ghemil li jgib il-hsara lil xi hadd u dan mhux bilfors bis-sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali.*

"*Il-Qorti Kostituzzjonali, dwar dak li jolqot l-imgiba tal-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, qalet hekk:*

> "*26. Fid-dawl ta' dak kollu li sehh matul il-process kriminali ma jistax jinghad illi d-decizjoni li waslu ghaliha dawk il-Qrati kienet wahda li ma setghux ragonevolment waslu ghaliha jew li kienet imsejsa fuq irregolaritajiet procedurali serji. Certament ma jistax jinghad, kif qal l-attur, illi l-kundanna tieghu kienet "a conviction on weak evidence.*
>
> "*27. Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-ewwel Qorti li ma tara ebda nuqqas fil-mod kif imxew il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali. Ma warrbu ebda xiehda relevanti, u taw lix-xiehda kollha l-piz misthoqq; ma cahhdu lill-attur minn ebda opportunità biex iressaq il-kaz tieghu, milli jaghmel kontro-ezami tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u milli jressaq ix-xhieda tieghu.*

> "*29. Il-fatt li, wara li jkun ezaminat u kontro-ezaminat bil-garanziji kollha li jaghti l-process gudizjarju mmexxi kif trid il-ligi u l-procedura, ikun twemmen xhud li ma kellux jitwemmen jista' jfisser illi l-attur instab hati hazin izda ma jfissirx li ma nghatax smigh xieraq. Il-garanziji li jaghti l-art. 6 huwa dwar il-korrettezza tal-process u mhux dwar il-korrettezza tar-rizultat, appuntu ghax il-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma humiex Qrati ta' appell minn decizjonijiet tal-Qrati ordinarji. Mhux kull sentenza "hazina" hija ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Jekk, kif rajna fuq, il-process ikun tmexxa b'ghaqal u b'harsien tal-garanziji procedurali, il-fatt li s-sentenza li tinghata tkun hazina jew, ahjar, inkompatibbli ma' sentenza ohra fi proceduri ohra dwar persuni ohra, ma jfissirx ipso facto ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.*
>
> "*Il-Qorti Kostituzzonali kkonkludiet li "ma hemm xejn xi tlum fil-process li bih il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali waslu ghall-konkluzjoni taghhom ukoll jekk jista' jkun li waslu ghall-konkluzjoni zbaljata. L-art. 6 izda jiggarantixxi l-process, mhux ir-rizultat.*

"*Kwantu ghal imgieba tal-Prosekuzzjoni, l-Qorti Kostituzzjonali kellha dana xi tghid:*

> "*43. Fic-cirkostanzi kif kienu fiz-zmien li mexxiet il-prosekuzzjoni, l-Ispettur Calleja mxiet b'ghaqal u responsabilità, bla ma b'ebda mod fittxet li tqarraq bil-Qorti; anzi, jista' jinghad ukoll illi f'dawk ic-cirkostanzi, x'aktarx li kienet tonqos li kieku ma mexxietx bil-prosekuzzjoni milli kieku kompliet tmexxiha.*

"*Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti wahda mill-prekondizzjonijiet imposti mit-tielet artikolu tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mhijiex sodisfatta billi ma kien hemm ebda nuqqas gravi fil-process gudizzjarju. Fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn dik il-Qorti ddecidiet li dak li seta' garrab ir-rikorrent kien ir-rizultat dirett tal-ghemil ta' persuna private cioe bintu, persuna privata li abbuzat mill-istituzzjonijiet u fejn bhala regola generali, sakemm jintwera li l-organi kompetenti tal-istat ikunu mxew kif mitlub minnhom mil-ligi, l-imgiba ta' persuna privata ma taghtix lok ukoll ghal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ghalkemm il-Qorti ma sabitx lezjoni hija tat rimedju minhabba li kien hemm zewg sentenzi li tnejn kienu res judicata imma li kienu kuntrarji ghal xulxin u ghalhekk hassret iz-zewg sentenzi kriminali biex ma jkunx hemm ksur tat-dritt fundamentali tar-rikorrent, ghalkemm il-Qorti Kostituzzonali xorta wahda deherilha li kien ikun aktar korrett kieku l-process kontra r-rikorrenti jibda mill-gdid fid-dawl tas-sentenza fejn gie kkonfermat li bint ir-rikorrenti kienet xehed falz. Fil-fatt l-Qorti Kostituzzjonali stess fis-sentenza taghha ghamilitha cara li mkien ma kien hemm rikonoxximent tal-innocenza tar-rikorrent. Din hi kondizzjoni essenzjali biex jista' jinghata kumpens ai termini talartikolu 4A tal-Kap. 319.*

> "*Art. 25 Explanatory Report: The intention is that States would be obliged to compensate persons <u>only in clear cases of miscarriage of</u>*

> *justice, in the sense that there would be acknowledgement that the person concerned was clearly innocent"*

3. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza aggravat illi:

3.1. Minkejja li l-proċeduri *ai termini* tal-Artikolu 4A tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet tal-Malta) huma separati u distinti minn kawża kostituzzjonali u huma msejsa fuq prinċipji u regoli differenti minn dawk ta' kawża kostituzzjonali, l-ewwel Qorti segwiet u mxiet fuq dak li ġie deċiz fir-Rikors Kostituzzjonali Numru 50/2013 fid-9 ta' Ottubru 2017 b'dan illi, skont l-appellant, il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 4A tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ġew reżi superfluwi u nutli;

3.2. L-ewwel Qorti, fit-tieni sentenza tagħha tal-5 ta' Novembru 2019, waqgħat f'kontradizzjoni mas-sentenza tagħha tas-26 ta' Ġunju 2018 li biha ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali, inkluż għalhekk l-eċċezzjoni dwar l-inapplikabilita` tal-Artikolu 4A tal-Kap. 319;

3.3. Il-valutazzjoni tal-konsiderazzjonijiet legali u fattwali magħmula mill-ewwel Qorti kienu żbaljati;

3.4. Il-Qorti tal-ewwel grad ma vvalutatx li '*sija jekk ix-xhieda falza ngħatat minn persuna privata bħal bintu Leanne Camilleri (kif kien proprju l-każ), sija jekk ix-xhieda falza tkun ingħatat minn agent tal-istat, ir-riżultat tal-proċediment kriminali xorta waħda jkun kontaminat, u kwindi ma jkun hemm smigħ xieraq'* u li minkejja li s-sentenzi mogħtija fil-ġurisdizzjoni kriminali ġew it-tnejn imħassra għax ingħatat xhieda falza minn Leanne Camilleri, is-'*sentenzi kriminali ma tathomx Leanne Camilleri iżda l-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali.'*;

3.5. Ladarba l-imsemmija żewġ sentenzi kriminali fil-konfront tar-rikorrent ġew imħassra, il-Qorti Kostituzzjonali kienet skorretta meta '*għamlitha ċara li mkien ma kien hemm rikonoxximent tal-innoċenza tar-rikorrent.'* Jikkontendi li la m'hemm ebda sentenza minn qorti b'ġurisdizzjoni kriminali li ppronunzjatu ħati tar-reat dedott, il-preżunzjoni tal-innoċenza trid li huwa jiġi kkunsidrat mhux ħati;

3.6. Il-Qorti Kostituzzjonali vvjolat il-prinċipju garantit fl-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u ddiraljat il-proċeduri għall-kumpens;

3.7. Qorti wara l-oħra faħħret l-operat tal-Ispettur Louise Calleja, illum Supretendent, mingħajr l-ebda Qorti ma rrikonoxxiet il-fatt li skontu hija kienet taf minn qabel illi l-akkuża ta' stupru rakkontata minn bintu kienet inveritjiera u esprimiet id-dubji tagħha mal-*case officers* tal-

Aġenzija Appoġġ. Jilmenta wkoll dwar il-fatt li l-Qorti tal-prim'istanza, fil-proċeduri kriminali kontrih, sflizat ix-xhieda mogħtija minn bintu Leanne quddiem l-avukat tat-tfal Dr Stephanie Camilleri. Ukoll, meta l-omm, Lisa May Camilleri, riedet twaqqaf il-proċeduri minn rajha, tali prova ġiet skartata;

3.8. Il-Qrati jridu jġorru l-piż u r-responsabbilita` tas-sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu; u li

3.9. Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minnu kwotati, skontu ma jħallu ebda dubju illi l-apprezzament li sar mill-Qrati domestiċi kien apprezzament żbaljat.

4. L-Avukat Ġenerali sostanzjalment wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

Konsiderazzjoni.

5. Il-Qorti tibda biex tosserva li fir-rikors tal-appell saru argumenti li huma irrilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri. Hekk per eżempju hu l-argument li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2017 kisret l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u s-sentenzi li l-attur iċċita fir-rikors tal-appell b'riferenza għall-istess disposizzjoni (ara paragrafu 9).

Il-kawża tal-lum m'hijiex kawża għal rimedju minħabba ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.

6. L-azzjoni li ppropona l-attur hi talba għall-kumpens bażata fuq l-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi:

> *"Meta persuna tkun b'deċiżjoni finali insabet ħatja ta' reat kriminali u meta sussegwentement s-sejbien tagħha ta' ħtija jkun ġie rivertit, jew tkun ingħatat il-maħfra, minħabba f'li xi fatt ġdid jew li jkun għadu kemm ġie mikxuf ikun juri konklużivament li kien hemm nuqqas ta' ġustizzja magħmula mill-qorti, il-persuna li tkun ġarrbet il-piena bħala riżultat ta' dak is-sejbien ta' ħtija għandha tingħata kumpens skont il-liġi jew il-prattika tal-Istat inkwistjoni, kemm-il darba ma tinġiebx prova li n-nuqqas ta' żvelar tal-fatt mhux konoxxut fil-ħin ikun għalkollox jew f'parti minnu attribwibbli għal dik l-istess persuna".*

7. Fis-sentenza Poghosyan and Baghdasaryan v. Armenia (22999/06) tat-12 ta' Ġunju 2012, il-Qorti Ewropea qalet:

> *"49. The Court reiterates that the aim of Article 3 of Protocol No. 7 is to confer the right to compensation on persons convicted as a result of a miscarriage of justice where such conviction has been reversed by the domestic courts on the ground of a new or newly discovered fact. Therefore, Article 3 of Protocol No. 7 does not apply before the conviction has been reversed (see Matveyev v. Russia, no. 26601/02, §§ 38-39, 3 July 2008).*
>
> ........
>
> *"51. Furthermore,the the Court considers that the purpose of Article 3 of Protocol No. 7 is not merely to recover any pecuniary loss caused by a wrongful conviction but also to provide a person convicted as a result of a miscarriage of justice with compensation for any non-pecuniary damage such as distress, anxiety, inconvenience and loss of enjoyment of life. No such compensation, however, was available to the applicant in the present case".*

8. Fit-test Malti l-kliem *'miscarriage of justice'* hu *'nuqqas ta' ġustizzja magħmula mill-qorti'*. Il-frazi *"b'nuqqas ta' ġustizzja magħmula*

*mill-Qorti"* ma għandhiex tiftiehem li jkun żball imwettaq mill-Qorti *per se*. Huwa biżżejjed li l-persuna misjuba ħatja fuq dawk il-provi li kellha quddiemha dik il-Qorti, kif inhu dan il-każ, wara li s-sentenza tkun saret gudikat, isir maghruf li l-prova prinċipali li waslet ghal kundanna kienet falza jew wara tirriżulta prova ohra li manifestament tiskopla lil dak li jkun.

9. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-attur m'għandux jedd li jingħata l-kumpens li jissemma f'dik id-disposizzjoni minħabba li *".... ma kien hemm ebda nuqqas gravi fil-proċess ġudizzjarju. Fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn dik il-Qorti ddeċidiet li dak li seta' ġarrab ir-rikorrent kien riżultat dirett tal-għemil ta' persuna privata ċioe' bintu, persuna privata li abbużat mill-istituzzjonijiet u fejn bħala regola ġenerali, sakemm jintwera li l-organi kompetenti tal-istat ikunu mxew kif mitlub minnhom mil-liġi, l-imġiba ta' persuna privata ma tagħtix lok ukoll għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali"*.

10. Fis-sentenza Bachowski v Poland (32463/06) tat-2 ta' Novembru 2010, il-Qorti Ewropea qalet:

> *"1..... In the present case the judgment concerned had not been issued on the basis of the omission or concealment of facts which could or should have been known to the court in 1959, or by the coming to light of new facts which occurred after that date and which would have been of such nature as to cast fundamental doubt on the soundnesss of the criminal conviction. The domestic courts acknowledged that the judgment given in 1959 was unacceptable because the applicable substantive criminal law had been seriously distorted and misapplied in*

*that case. Hence, the acquittal of the applicant was due to a reassessment by the Supreme Court of the evidence which had already been used and known to the court in the original proceedings.*

*"2.In this context, the Court has had regard to the statements made in the Explanatory Report to Protocol No. 7 to the Convention according to which this provision is applicable only when the original conviction has been reversed because of a new or newly discovered fact showing conclusively that in the original proceedings there was a serious failure in the judicial process. The Court is of the view that it was the intention of the drafters of Article 3 of Protocol No. 7 to delineate the scope of the application of this provision in a narrow manner. The right to compensation was excluded in respect of reversals of conviction that were based "on some other ground: than that related to "new or newly discovered fact".*

11. Għall-finijiet ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, japplikaw paragrafi 22 sa 25 (inklużi) tar-Rapport Spjegattiv fuq l-istess disposizzjoni li jinsab fit-Tielet Skeda tal-Kap. 319. Fil-fatt l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 jipprovdi:

*"(1) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 22 sa 25 (inklużi) tar-Rapport Spjegattiv fuq is-Seba' Protokoll għall-Konvenzjoni hawn miġjub fit-Tielet Skeda għandhom japplikaw għall-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu u tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni".*

12. Paragrafu 23 tar-Rapport Spjegattiv jipprovdi:-

*"23. Secondly, the article applies only where the person's conviction has been reversed or he has been pardoned, in either case on the ground that a new or newly discovered fact shows conclusively that there has been a miscarriage of justice – that is, some serious failure in the judicial process involving grave prejudice to the convicted person. Therefore, there is no requirement under the article to pay compensation if the conviction has been reversed or a pardon has been granted on some other ground. Nor does the article seek to lay down any rules as to the nature of the procedure to be applied to establish a miscarriage of justice......*

*"25. ...... The intention is that States would be obliged to compensate persons only in clear cases of miscarriage of justice, in the sense that*

> *there would be acknowledgement that the person concerned was clearly innocent".*

13. Fis-sentenza mogħtija fil-kawża Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et (50/2013) fid-9 ta' Ottubru 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali u tal-attur. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza li ngħatat fl-istess kawża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-29 ta' Settembru 2016, iddeċidiet:

> *"Tiċħad l-ewwel talba attriċi billi ma ntweriex li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;*
>
> *"Għall-finijiet tal-imsemmija l-ewwel talba attriċi ssib, madankollu, li minħabba ċirkostanzi li ġraw wara l-għoti tas-sentenzi li minnhom ir-rikorrent jilmenta, hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex, billi tinqeda bis-setgħat mogħtijin lilha mill-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tħassar għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi s-sentenzi mogħtijin mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011, u kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2013, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spett. Louise Calleja) vs Emanuel Camilleri" u dan minħabba li s-sejbien ta' ħtija kien imsejjes fuq xhieda li ma kenitx minnha u liema fatt jinstab stabbilit ukoll minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru, 2014, li għaddiet in ġudikat".*

14. Qalet sew l-ewwel Qorti li l-proċeduri ta' kumpens taħt l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll m'humiex marbuta ma' xi ħtieġa li l-proċeduri kriminali jinstemgħu mill-ġdid; *"Il-kriterju importanti huwa li s-sejbien ta' ħtija jkun ġie rivertit"* (fol. 10 tas-sentenza tal-ewwel Qorti) b'sentenza jew saħansitra maħfra. Hekk ġara bis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tad-29 ta' Settembru 2016 fil-kawża kostituzzjonali 50/2013.

15. Kif osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza finali, fis-sentenza preliminari li tat fis-26 ta' Ġunju 2018 iddeċidiet li:

> *".... l-artikolu 4A kien japplika billi x-xhieda falza ta' bint ir-rikorrent stabbilita permezz ta' sentenza finali, setgħet titqies bħala fatt ġdid, peress illi rriżultat wara li r-rikorrent instab ħati mill-Qrati kriminali".*

16. Min-naħa l-oħra din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li r-rikorrent m'għandux jedd għall-kumpens taħt l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex, *"..... dak li seta' ġarrab ir-rikorrent kien riżultat dirett tal-għemil ta' persuna privata ċioe' bintu, persuna privata li abbużat mill-istituzzjonijiet .....".* Il-fatt li dak li ġara kien minħabba l-aġir tat-tifla, ma jfissirx li r-rikorrent m'għandux jedd għall-kumpens taħt l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll. In-nuqqas ta' ġustizzja sseħħ fil-fatt li persuna instabet ħatja ta' reat u kkundannata għall-piena, u eventwalment dik il-kundanna tħassret minħabba fatt ġdid jew li jkun għadu kemm ġie mikxuf wara s-sentenza li tkun tat il-piena lill-akkużat, u liema fatt ikun juri konklużivament li seħħ *'miscarriage of justice'*.

17. L-Art. 3 m'huwiex jindirizza dawk il-każijiet fejn per eżempju jkun sar żball proċedurali jew fis-sentenza l-Qorti tkun għamlet żball fl-apprezzament ta' provi li jkunu inġabru fil-kors tal-proċess kriminali. Tant hu hekk li element essenzjali għall-applikazzjoni ta' dik id-disposizzjoni hu li jkun hemm *'fatt ġdid'*. Għalhekk irid ikun fatt li rriżulta wara s-sentenza ta' sejbien ta' ħtija ta' xi persuna. Mingħajr dak il-fatt ġdid, ir-rikorrent ma jistax jirnexxi fit-talba li jagħmel taħt l-Art. 3 tal-Protokoll 7

tal-Konvenzjoni. F'dan il-każ is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru 2014 hu l-fatt ġdid. B'dik is-sentenza bint l-appellant ġiet misjuba ħatja li xehdet il-falz fil-proċeduri kriminali "Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri" (397/2011). Għalkemm hu minnu s-sejbien ta' ħtija kienet riżultat tax-xhieda li t-tifla tar-rikorrent tat iktar minn darba f'dawk il-proċeduri, b'daqshekk ma jfissirx li r-rikorrent ma jistax jirnexxi fl-azzjoni li ppropona taħt l-Art. 3. Dik ix-xhieda kienet il-prova li wasslet għas-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent, u b'riżultat ta' liema seħħ *"nuqqas gravi fil-proċess ġudizzjarju"* meta a bażi ta' dik ix-xhieda nstab ħati tal-akkużi. In-nuqqas gravi fil-proċess ġudizzjarju kien is-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent fuq xiehda li wara s-sentenza finali rriżulta li kienet falza. Għalhekk għall-applikazzjoni tal-art. 3 hu immaterjali jekk dak li ġara jkunx riżultat dirett tal-għemil ta' persuna privata, li f'dan il-każ kienet it-tifla tar-rikorrent.

18. Hu minnu li fis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2017 il-Qorti Kostituzzjonali qalet *obiter* b'referenza għall-Art. 3 tas-Seba' Protkoll li, *".... il-fatt li bintu nstabet ħatja b'sentenza finali ma jfissirx awtomatikament li hija s-sentenza daqstant ieħor finali kontra l-attur li hija s-sentenza ħażina"* (paġna 43 tas-sentenza). Madankollu t-talba taħt dak l-Art. 3 fil-proċeduri kostituzzjonali ġiet miċħuda minħabba li l-Qorti Kostituzzjonali rraġunat li għandha ssir proċedura oħra sabiex issir talba

għal kumpens taħt l-Art. 3. Fil-fatt iddikjarat li *“..... ma tarax li għandha tqis it-talba tal-attur, ladarba din ma saritx kif irid l-art. 4A”*.

19. Pero` jibqa’ il-fatt li l-ebda parti mill-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim’Awla tad-29 ta’ Settembru 2016 ma ġiet varjata. Kienet b’dik is-sentenza li tħassru s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru 2011 u tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta’ Mejju 2013 fil-kawża Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri. Fil-parti dispożittiva ta’ dik l-istess sentenza l-Qorti Ċivili, Prim’Awla ddikjarat bl-iktar mod ċar li kienet qiegħda tħassar is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru 2011 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta’ Mejju 2013:

> *“.... minħabba li s-sejbien ta’ ħtija kien imsejjes fuq xhieda li ma kenitx minnha u liema fatt jinstab stabbilit ukoll minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-18 ta’ Settembru 2014, li għaddiet in ġudikat”*.

20. Dikjarazzjoni fil-parti dispożittiva tas-sentenza torbot lill-partijiet. Saħansitra, f’dik l-istess sentenza l-Qorti ordnat li isem l-attur jitneħħa mir-reġistru tal-pedofili *“fid-dawl tal-imsemmija sentenzi”*. Deċiżjoni ċara li l-kundanna tal-attur fil-proċeduri kriminali kienet bażata fuq xiehda falza li tat bintu fil-proċeduri kriminali. Fil-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim’Awla intqal:

> *“Illi dan ifisser li safejn ir-rikorrent kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fuq is-saħħa tax-xiehda ta’ bintu f’dawk il-proċedimenti, dawk is-sentenza huma msejsa fuq xiedha*

*falza. Jekk inhu hekk, ifisser ukoll li r-rikorrent instab ħati ta' reat li ma wettaqx għaliex dawk is-sentenzi jinbnew fuq il-premessa li seħħew fatti (l-għemil żieni mal-minorenni, is-sekwestru jew żamma ta' persuna minuri u l-attentat vjolenti għall-pudur) li ma ġrawx għaliex min, għal żmien twil, kien xehed li ġarrabhom, wasal biex 'il quddiem qal li ma xehedx is-sewwa meta kien qal hekk"*.

21. Raġunament floku meta tikkunsidra li s-sentenzi ta' sejbien ta' ħtija fil-proċeduri kriminali kienu bażati fuq il-verżjoni li t-tifla tat bil-ġurament. Il-każ tal-prosekuzzjoni kien kollu mibni fuq dik ix-xhud. Kien proprju għalhekk li dik il-Qorti rrevokat is-sentenzi li ngħataw fil-proċeduri kriminali li kienu ġudikat.

22. Ġialadarba b'dik is-sentenza tħassru s-sentenzi li sabu lill-attur ħati għaliex bażati *"fuq xhieda li ma kenitx minnha"*, għal din il-Qorti dikjarazzjoni bħal dik m'għandha tħalli ebda dubju li d-deċiżjoni tal-Qorti li rrevokat iż-żewġ sentenzi tista' tiftiehem biss li l-attur hu innoċenti. Hu ċar li s-sejbien ta' ħtija kien bażat fuq dak li xehdet it-tifla fil-proċeduri kriminali. L-awtur William A. Schabas fil-ktieb The European Convention on Human Rights (2015), kiteb:

*"Although recognition that there has been a miscarriage of justice relating to a criminal conviction is not necessarily equivalent to a finding of innocence, <u>the reversal of such conviction has the consequence of restoring the convicted person to a situation where he or she benefits, once again, from the presumption of innocence which is set out in article 6(2) of the Convention</u>"*.

23. Il-każ in eżami ma kienx wieħed fejn is-sentenzi tħassru minħabba li nstabet prova ġdida li setgħet twassal għal xi dubju raġonevoli dwar il-ħtija tal-akkużat fil-proċedura kriminali (attur).

Għalkemm l-ewwel Qorti qalet li, *"il-Qorti Kostituzzjonali imkien ma qalet fis-sentenza li r-rikorrent kien innoċenti"*, madankollu hekk tiftiehem il-parti dispożittiva tas-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fil-5 ta' Novembru 2019 fil-kawża kostituzzjonali. Wieħed irid jiftakar ukoll li fil-liġi kriminali l-akkużat m'għandux l-obbligu li jagħti prova li hu innoċenti. Ġialadarba hemm sentenza li hi ġudikat li x-xiehda tat-tifla hi falza u l-każ tal-prosekuzzjoni kien kollu mibni fuqha, għal din il-Qorti l-konklużjoni tista' tkun biss li r-rikorrent hu innoċenti. Ovvjament m'hemm l-ebda skop li jsir xi proċess ġdid sabiex tasal għal dik il-konklużjoni meta tieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatti. Dan apparti li l-fatt ġdid li ħareġ juri li l-provi li tressqu kontra r-rikorrent fil-kawża kriminali il-Pulizija v. Emanuel Camilleri ma jistgħu qatt iservu sabiex jinstab ħati tal-akkużi dedotti kontrih. Illum hemm sentenza li hi ġudikat li t-tifla xehdet il-falz, u fejn hemm iċ-ċertezza m'hemmx lok għad-dubju. Ovvjament kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, u d-deċiżjoni tal-lum tirrifletti proprju dak. F'dan il-każ hu żgur li bil-fatt il-ġdid ir-rikorrent ma seta' qatt jinstab ħati tal-akkużi li saru kontrih bażat fuq ix-xiehda tat-tifla. Fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent għandu jiġi kkunsidrat bħala innoċenti.

24. Finalment żgur li kien biss wara li ġew revokati s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali li l-fatt ġdid irriżulta. Għalhekk il-każ in eżami m'huwiex wieħed fejn m'għandux jitħallas kumpens minħabba li, *"..... the non-*

*disclosure of the unknown fact in time is wholly or partly attributable to him"* (artikolu 3 tas-Seba' Protokoll).

25. Ovvjament dak kollu li ngħad f'din is-sentenza hu għall-finijiet tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u xejn iktar.

26. Għal dak li hu kumpens, l-Artikolu 4A(2) jipprovdi li l-kumpens li għandu jitħallas taħt l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll għandu jkun ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73).

Għal dawn ir-raġunijiet sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-5 ta' Novembru 2019 u tilqa' it-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut iħallas s-somma ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73). Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut.

Anthony Ellul
Aġent President

Robert G Mangion
Imħallef

Toni Abela
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr